**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta ta' 20 ta' Novembru 2018**

Avviz Numru 348/2017

**GO p.l.c.**[1]

**vs**

**7Epta7 Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz promotur ipprezentat minn GO p.l.c. fid-29 ta' Novembru 2017 fejn ir-rikorrenti talbet li l-konvenuta:

*"thallas, lis-socjeta' attrici, s-somma ta' sitt elef sitt mija u disgha u erbghin Ewro u sitta u disghin centezmu (EUR 6,649.96) in konnessjoni ma' servizz migbura fil-kontijiet bin-numri 40441276 u 40439163.*

*Illi s-servizzi fil-kont 40441276 gew ikkuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd, liema socjeta' giet b' effett mid-19 ta' Dicembru 2015, amalgamata fis-socjeta' GO p.l.c.*

[1] Permezz ta' digriet datat 12 ta' Dicembru 2018 saret korrezzjoni fl-okkju

*Bl-ispejjez komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali 934/16 u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' intmata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-intimata giet notifikatha b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Dan kif jirrizulta mir-riferti tal-Marixxal, a folio tergo hamsa u sittin (65) tal-process u mill-publikazzjonijiet a folio tlieta u sittin (63) u tmienja u sittin (68) tal-process.

Rat li l-intimata qatt ma pprezentat risposta minkejja li ddekorra t-terminu preskritt mil-ligi.

Rat illi fis-seduta ta' wara tali notifika l-intimata baqghet ma dehritx.

Rat l-provi mressqa u d-dokumenti esebiti.

Rat illi din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum

**Ikkunsidrat;**

Illi l-intimata naqset milli tikkontesta t-talba odjerna. Fil-fatt, l-intimata la prezentat risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas ma dehret quddiem din il-Qorti sabiex tikkontesta t-talba.

In-notifika tal-intimata saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal '*The Times of Malta*'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi mill-affidavit ta' Marisa Galea Debono, ezebieta fol 24, irrizulta li l-ammont dovut mill-intimata lis-socjeta' rikorrenti jammonta ghas-somma ta' sitt elef sitt mija u disgha u erbghin Ewro u sitta u disghin centezmu (EUR 6,649.96). Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont ezebiti bhala Dok A1 u Dok A2. Irrizulta li hemm dovuta s-somma ta' EUR 3,892.68c fuq il-kont numru 40441276 (EUR 3911.31 – EUR 18.63 rapprezentanti spejjez ta' l-ittra legali) u s-somma ta' EUR 2,757.28 fuq il-kont numru 40439163.

Illi l-Qorti jidhrilha illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemha, it-talba tar-rikorrenti tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta. Ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

Dwar l-imghax, din il-Qorti tinnota li l-ittra ufficjali bin-numru 934/16 ezebieta a fol 22, tirrigwarda biss l-ammont ta' EUR 3,892.68c u cioe' l-ammont dovut fuq il-kont bin-numru 40441276. Madanakollu, din il-Qorti tqies li l-imghaxxijiet fir-rigward ta' dan l-ammont ta' EUR 3,892.68c ma ghandhomx jintalbu mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficcjali. Il-Kodici Civili jipprovdi espressament fl-Art. 1141(2) li fejn imiss ma' obbligazzjonijiet li ma jkunux ta' xorta kummercjali, "l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni". Issa fil-kaz odjern saret ittra ufficcjali nhar id-19 ta' April 2016 liema ittra baqghet ma gietx notifikata (fol 23).

Ghalhekk, fejn jidhol imghax in konnessjoni mal-ammont dovut fuq il-kont numru 40441276, dan ghandu jiddekorri b'effett mill-5 ta' Settembru 2018 ossia d-data meta (skond l-Art. 187(3) tal-Kap. 12) l-intimata titqies li giet notifikata ghall-ewwel darba bl-atti tal-kawza odjerna. L-istess ghandu jitqies fir-rigward tal-kont numru 40439163 stante li fir-rigward ta' dan il-kont, ma gietx esebita l-ebda ittra ufficjali precedenti ghal dan l-avviz.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti, tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta'sitt elef sitt mija u disgha u erbghin Ewro u sitta u disghin centezmu (EUR 6,649.96) bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mill-5 ta' Settembru 2018. L-ispejjez kollha tal-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali bin-numru 934/2016 jkunu a karigu ta' l-intimata.

**Magistrat** **Deputat Registratur**